1 ta' Diċembru, 1955

Imħallef:
Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmelo Camilleri *versus* Gejtu Cassar

**Azzjoni Ċivili u Azzjoni Kriminali — Provi — Xhieda**

*Huwa veru li, in vista tal-indipendenza tal-azzjoni ċivili mill-azzjoni kriminali, il-provi testimonjali prodotti fil-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu utilizzati għall-finijiet tal-kawża ċivili, jekk ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet; iżda dan id-divjet huwa applikabbli fil-każ ta' provi testimonjali li ma jkunux ġew prodotti mill-ġdid fil-kawża ċivili; b'mod illi, jekk dawk il-provi jerġgħu jinġiebu fil-proċeduri ċivili, xejn ma għandu jimpedixxi lill-Qorti Ċivili li, għall-finijiet tal-konfront u tal-attendibilità ta' dawk il-provi tagħmel użu mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali.*

*Mill-prinċipju tal-indipendenza tal-azzjoni ċivili u tal-azzjoni kriminali jidderiva biss illi l-provi tal-azzjoni ċivili għandhom isiru "ex integro" quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali anki "ex integro" quddiem il-Qorti Kriminali; però xejn ma josta' illi jsir il-konfront bejn dawk il-provi għall-finijiet ta' l-attendibilità tagħhom u tal-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja.*

*F'kawża ċivili, li tkun għadha pendenti, tista' għalhekk tiġi prodotta anki kopja awtentika ta' sentenza mogħtija minn Qorti Kriminali fuq l-istess fatti.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti opportuni, peress li fid-29 ta' Novembru 1952, il-konvenut volontarjament sawwat lill-attur u kkaġunalu offiża ta' natura ħafifa, u dan għal xejn b'xejn u mingħajr ma kien hemm l-ebda provokazzjoni da parti tal-attur (dokument A); u peress li minħabba din l-offiża l-attur kien kostrett imur l-isptar fejn dam għaxar tijiem, u safa' inkapaċi mix-xogħol għal xahar u jumejn; u barra minn dan kellu jinkorri fi spejjeż oħra, kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talab li l-konvenut (1) jiġi dikjarat responsabbli tad-danni kollha sofferti mill-attur a kawża tal-ferita lilu nflitta mill-konvenut; (2) jiġi minn dina l-Onorabbli Qorti

kundannat *iħallas lill-attur* dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo minn periti nominandi, in linea ta' danni kaġunati minnu lill-attur, konsistenti dawn id-danni tant fid-"damnum emergens" kemm fil-"lucrum cessans", sofferti mill-attur minħabba l-offiża lilu kaġunata mill-konvenut. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tat-23 ta' April 1953, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

*Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu,* issottometta illi l-konvenut huwa responsabbli tal-offiża kaġunata lill-attur, u illi l-ammont mill-konvenut dovut lill-attur in linea ta' danni huwa ta' £25. 1. 6; u biex wasal għal dina l-konklużjoni għamel użu, għall-finijiet tal-kredibilità, mix-xhieda mogħtija mill-konvenut fil-kawża kriminali kontra tiegħu istitwita in konnessjoni ma' l-istess fatti. Konsegwentement huwa xieraq li, qabel xejn, jiġi nvestit il-punt sollevat mill-konvenut fit-tieni eċċezzjoni;

*Illi huwa veru li, in vista tal-indipendenza ta' l-azzjoni* ċivili mill-azzjoni kriminali, il-provi testimonjali prodotti fil-proċeduri kriminali ma jistgħux jiġu utilizzati għall-finijiet tal-kawża ċivili, jekk ma jkunx hemm ftehim bejn il-partijiet, iżda skond il-ġurisprudenza f'din il-materja, dan id-divjet huwa applikabbli fil-każ ta' provi testimonjali li ma jkunux ġew riprodotti fil-kawża ċivili (Kollez. XXVI-I-885; u XXIX-I-811); b'mod illi, jekk dawn il-provi jerġgħu jinġiebu fil-proċeduri ċivili, kif inhu l-każ, xejn ma għandu *jimpedixxi lill-Qorti Ċivili li, għall-fini tal-konfront* u tal-attendibbilità ta' dawk il-provi, tagħmel użu anki mill-provi miġjuba quddiem il-Qorti Kriminali. Mill-prinċipju sanċit fl-art. 6 tal-Kodiċi Penali Malti, jiġifieri tal-indipendenza tal-eżerċizzju taż-żewġ azzjonijiet tidderiva biss il-konsegwenza illi l-provi tal-azzjoni ċivili għandhom isiru "ex integro" quddiem il-Qorti Ċivili kompetenti, u dawk tal-azzjoni kriminali, anki "ex integro", quddiem il-Qorti Kriminali; però xejn ma josta illi isir il-konfront bejn *dawk il-provi għall-fini tal-attendibbilità tagħhom u tal-*

aujar ammmhistrazzjoni tal-ġustizzja. *Minn hawn jidher* ukoll illi, konformement għal-regola ġenerali relattiva għall-provi, tista' tigi prodotta f'kawża civili, li tkun għada pendenti, kopja awtentika ta' sentenza mogħtija minn Qorti *Kriminali fuq dawk l-istess fatti;* u dan anki in forza tal-art. 627 (f) tal-Kodici tal-Procedura Civili. F'dan is-sens hija l-ġurisprudenza tagħna (Kollez. VI, paġ. 143, col. 2da.). Del resto, *jidher illi l-leġislatur* huwa favorevoli għall-konfront tad-diversi dikjarazzjonijiet magħmula mix-xhieda, kif jirriżulta mill-art. 583 u 585 (1) tal-Kodici fuq imsemmi;

Konsegwentement, il-perit leġali għamel sewwa meta ppermetta l-eżibizzjoni tal-process kriminali u għamel użu minnu *għall-fini tal-kredibbilità tal-provi;* u għalhekk l-eccezzjoni tal-konvenut, mogħtija fit-tieni lok, mhix attendibbli, u qegħeda tiġi respinta; bl-ispejjeż;

Illi, *fil-meritu, il-Qorti, wara li eżaminat* il-provi "hinc inde", taqbel mar-raġunijiet u mal-konkluzjonijiet li għall-hom wasal il-perit leġali.........;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talbiet tal-attur, u tikkundanna lill-konvenut iħallaslu *bħala danni s-somma ta' £25. 1. 6.* L-ispejjeż jitħallsu settimu (1/7) mill-atuur u l-bqija mill-konvenut.